31990D0117

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-27 ta' Frar 1990
dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Unjoni tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti dwar il-kummerċ u l-koperazzjoni kummerċjali u ekonomika

(90/117/Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Unjoni tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti dwar il-kummerċ u l-koperazzjoni kummerċjali u ekonomika ġie ffirmat fit-18 ta' Diċembru 1989;

Billi permezz tad-Deċiżjoni tas-26 ta' Frar 1990, il-Kunsill approva l-imsemmi Ftehim għall-għanijiet tal-konklużjoni mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika;

Billi l-imsemmi Ftehim għandu jiġi konkluż f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

IDDECIDIET DAN LI GEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim [1] bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Unjoni tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti dwar il-kummerċ u l-koperazzjoni kummerċjali u ekonomika qiegħed jiġi hawnhekk konkluż f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Artikolu 2

Il-President tal-Kummissjoni għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 25 tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Magħmulha fi Brussel, 27 Frar 1990.

Għall-Kummissjoni

Jacques DELORS

Il-President

[1] It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.